# IN-NIĊĊA TA' SAN PAWL TAS-SAQQAJJA

**● Ċentru ta' Ċelebrazzjonijiet ● Monument Nazzjonali ● Patrimonju ta' Devozzjoni**

Din is-sena, Malta ser tfakkar il-ħelsien mill-ħakma tal-Franċiżi fuq il-Maltin. Ir-Rabtin mhux ser jibqgħu lura li jagħmlu dan, għax l-aktar li ntlaqtu kienu bla dubju r-Rabtin.

L-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp ukoll kellha sehem attiv f'din il-ġrajja li xejn ma kienet pjaċevoli. Kienu xi membri, uffiċjali f'din il-Fratellanza li mexxew lill-Maltin biex jeħilsu minn Napuljun u sħabu. Dak kollu li nsibu miktub fl-istorja ta' Malta, f'diversi kotba fuq dan is-suġġett, ħallihulna is-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali Lorenzo Bugeja, li fl-istess żmien kien ukoll is-Segretarju ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp. Minbarra dan , in-Nutar Emanuele Vitale, magħruf għall-għaqal tiegħu, kien inħatar mexxej tal-Maltin. Dan in-Nutar fl-istess żmien kien ukoll ir-Rettur tal-Fratellanza Ġużeppina. Ma' dawn nistgħu inżidu ukoll lil Teuma Castelletti, u Abela li kienu fil-Kunsill Nazzjonali u fl-istess ħin kienu jokkupaw karigi importanti fl-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina. Xhieda oħra ta' kif din il-Fratellanza minn dejjem kienet ħajja u attiva mhux biss fil-funzjonijiet Reliġjużi imma wkoll fl-azzjonijiet Soċjali.



Wieħed mill-Monumenti l-aktar popolari, antik u li jinsab f'post ċentrali għal dawk kollha li jiġu r-Rabat, kemm Maltin kif ukoll turisti, hu dik in-Niċċa ta' San Pawl li tinsab fi Pjazza tas-Saqqajja.

Dokument legali dwar din in-Niċċa li fiha hemm xbieha ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, skond kuntratt li sar għand in-Nutar Vincenzo Caruana, jgħidilna li bejn is-snin 1798-1800, jiġifieri fi żmien il-ħakma Franċiża, minn għajnejn din l-istess xbieha, f'diversi okkażjonijiet ħareġ dmugħ naturali. Dan il-miraklu jurina id-dulur ta' San Pawl, bħala missier tassew tagħna l-Maltin.

Din in-Niċċa tinsab f'idejn l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp. Quddiem din in-Niċċa saru ħafna ċelebrazzjonijiet Reliġjużi fosthom fl-1960 sar il-ftuħ solenni tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl, mill-Isqfijiet Maltin flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral. Ta' kull sena il-festa ta' San Girgor kienet tibda minn quddiem din in-Niċċa, billi il-Kapitlu tal-Katidral kien jibda il-purċissjoni ta' penitenza għall-knisja il-qadima ta' San Girgor taż-Żejtun. Jekk wieħed ifittex isib li dan il-Monument kien ċentru ta' ċelebrazzjonjiet reliġjużi. Iż-Żewġ baned tar-Rabat, fil-25 ta' Jannar, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, kienu jagħmlu Kunċert Mużikali ta' kull sena quddiem dan il-Monument. Dawn waqfu fis-snin ħamsin meta l-ewwel waqfet il-Banda Konti Ruġġieru, u snin wara waqfet il-Banda L'Isle Adam , għalkemm din ta' l-aħħar għadha ta; kull sena, fid-29 ta' Ġunju, (L-Imnarja) tesegwixxi il-programm mużikali tagħha quddiem din in-Niċċa. Jingħad li dan il-programm ilu jsir aktar. minn mitt sena, fl-istess post u ġurnata u mill-istess Banda.

***Dom. Micallef***